**UNION ĦADDIEMA MAGĦQUDIN**

**Address:** "Dar Reggie Miller", Triq San Tumas, Floriana FRN 1123, Malta
**Tel:** (+356) 2123 4801, (+356) 2123 6484 **Fax:** (+356) 2124 6091
**Website:** http://www.uhm.org.mt
**Email:** info@uhm.org.mt

John Bencini
*Chairman,*
Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali,
280/3, Triq ir-Repubbblika,
il-Belt Valletta

Għażiż Sur Bencini,

Reċentament Josef Vella, is-Segretarju Ġenerali tal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) ġie infurmat mill-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li teżisti *policy* tal-Gvern fejn l-imsieħba soċjali ma jistgħux idaħħlu l-mowbajl tagħhom f'laqgħat uffiċjali ma' Ministri.

Din is-sitwazzjoni hi waħda inaċċettabli f'pajjiż li hu mibni fuq d-demokrazija. Aktar minn hekk dan l-inċident juri nuqqas ta' fiduċja lejn l-imsieħba soċjali, u b'hekk hi sitwazzjoni preokkupanti li tista' tiġi estiża, jekk mhux diġà hi, f'laqgħat ma' dipartimenti jew uffiċċji governativi oħrajn.

L-imsieħba soċjali kontinwament jagħtu kontribut siewi lill-pajjiż sabiex dejjem ikun hemm titjib fl-aspetti ekonomiċi u socjali tiegħu. Dan il-kontribut hu mibni fuq ir-rispett u l-fiducja reċiproka u għaldaqstant każ bħal dan, ta' nuqqas ta' fiduċja, jista' jostakola d-djalogu soċjali eżistenti.

F'dan ir-rigward, il-UĦM qed titlob li din il-*policy* tal-Gvern tkun diskussa mill-aktar fis f'laqgħa tal-MCESD li għandha tiġi msejha *ad hoc.*

Inselli ghalik,

Jesmond Bonello
President UĦM